



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13352/20

MAP 15
MI 522
COMPET 593
IND 222

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.	ST 12802/20 CM 4798/20 CM 4978/20
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill: Investiment Pubbliku permezz tal-Akkwist Pubbliku: Irkupru Sostenibbli u Spinta mill-Ġdid ta' Ekonomija Reżiljenti tal-UE - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu t-test tal-Konklużjonijiet ta' hawn fuq fl-ANNEX, li ġie approvat mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fil-25 ta' Novembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**Investiment Pubbliku permezz tal-Akkwist Pubbliku: Irkupru Sostenibbli u Spinta mill-Ġdid ta' Ekonomija Reżiljenti tal-UE****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020 li jiddikjaraw li l-pjan għall-irkupru Ewropew ser jeħtieġ investiment massiv f'irkupru sostenibbli u reżiljenti, fil-ħolqien tal-impjiegi u fit-tiswija tal-ħsara immedjata kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jiġu appoġġati l-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Ottubru 2020¹ li jissottolinjaw il-hteġa għal Suq Uniku b'saħħtu u profond u l-iżvilupp ta' strumenti ulterjuri biex jiġu indirizzati l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin fuqu;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha stabbilixxew pakkett għall-irkupru biex isaħħu l-ekonomija Ewropea wara l-kriżi li jipprovdi finanzjament għall-investiment biex tiġi mitigata l-ħsara soċjoekonomika tal-kriżi tal-COVID-19;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-isforz komuni mhux biss huwa meħtieġ biex jiġu appoġġati l-aktar negozji affettwati iżda wkoll biex isiru investimenti pubbliċi li jrawmu l-konverġenza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà, li jqisu l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli;

FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol importanti tal-investiment pubbliku għall-irkupru u l-perkors tat-tkabbir tal-ekonomija Ewropea li huwa adatt għall-futur, u FILWAQT LI JENFASIZZA li parti konsiderevoli tal-investiment pubbliku jitwettaq permezz tal-akkwist pubbliku (kien jammonta għal madwar 14 % tal-PDG tal-UE fil-perijodu ta' qabel il-COVID-19);

FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol kruċjali ta' sistema ta' akkwist pubbliku li tiffunzjona tajjeb li tinkludi strateġiji adegwati ta' ġestjoni tar-riskju biex jinżammu s-servizzi pubbliċi u jiġu pprovduti servizzi ta' interess ġenerali, speċjalment matul żminijiet ta' kriżi u sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020: ST 13/20;

FILWAQT LI JENFASIZZA li d-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku² jipprovdu lix-xerrejja pubbliċi b'qafas legali li jiggarrantixxi r-responsabbiltà fl-infiq pubbliku;

FILWAQT LI JFAKKAR li matul il-pandemija tal-COVID-19, ix-xerrejja pubbliċi esperjenzaw diffikultajiet biex jiżguraw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi meħtieġa għall-ġlieda kontra s-sitwazzjoni ta' kriżi; FILWAQT LI JFAKKAR fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-użu tal-qafas tal-akkwist pubbliku fis-sitwazzjoni ta' emerġenza relatata mal-kriżi tal-COVID-19"³ li tindika soluzzjonijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE li jipprovdu strumenti għax-xerrejja pubbliċi fl-Istati Membri biex ilaħħqu ma' sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħall-COVID-19;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal miżuri preventivi rigward it-tħejjija u l-evalwazzjoni tal-kapaċità tal-qafas legali għall-istrumenti tal-akkwist pubbliku biex ilaħħqu ma' sitwazzjonijiet ta' kriżi, u biex jinħolqu l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tingħata spinta lill-irkupru;

FILWAQT LI JIRREFERI għall-Artikolu 92 tad-Direttiva 2014/24⁴ dwar l-akkwist pubbliku, li jippermetti lill-Kummissjoni tirrevedi l-effetti ekonomiċi fuq is-suq intern, b'mod partikolari f'termini ta' fatturi bħall-ġhoti transkonfinali ta' kuntratti u l-ispejjeż ta' tranżazzjoni, li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-limiti stabbiliti;

² Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE;

Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE;

Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-ġhoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE u;

Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ġhoti ta' kuntratti ta' konċessjoni;

³ ĠU 2020/c 108 I/01;

⁴ id-Direttiva 2014/24/UE;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar is-Suq Uniku⁵ li jenfasizzaw ir-rwol importanti tal-akkwist pubbliku għall-kisba taż-żewġ tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u jenfasizzaw il-ħtieġa li titqajjem sensibilizzazzjoni dwar prattiki tajba, jigiġifieri permezz tal-użu ta' kriterji mmirati u għodod diġitali tal-akkwist pubbliku fl-offerti pubbliċi rilevanti kollha;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku ser ikollha effett importanti fuq l-investimenti pubbliċi futuri f'waqthom, adegwati u adatti li jappoġġaw l-irkupru; u FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-effiċjenza tal-akkwist pubbliku għalhekk ser tikkostitwixxi fattur importanti ta' suċċess għall-irkupru, it-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi ġusti, u b'hekk tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-Unjoni, il-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini tagħha, u tal-ambjent;

FILWAQT LI JIRREFERI għall-gwida tal-Kummissjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' offerenti u oġġetti minn pajjiżi terzi fis-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE⁶; FILWAQT LI JIRREFERI għall-Artikolu 25 tad-Direttiva 2014/24/UE u l-Artikoli 43 u 85 tad-Direttiva 2014/25/UE;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-ftehimiet qafas huma għodda ta' akkwist importanti u użata b'mod wiesa' fl-inklużjoni ta' xerrejja pubbliċi differenti u l-ħtiġijiet ta' akkwist tagħhom permezz tal-flessibbiltà meħtieġa f'dan l-istrument;

⁵ ST 10698/20: "Suq Uniku Approfondit għal Irkupru Qawwi u Ewropa Kompetittiva u Sostenibbli";

⁶ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, C(2019) 5494 final;

JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu fi sħubija mill-qrib mal-Parlament Ewropew, mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, u mal-Kumitat tar-Reġjuni meta jsegwu dawn l-oġġettivi komuni permezz ta' strutturi ta' governanza effettivi u koordinazzjoni b'saħħitha fil-livell nazzjonali, u b'mod partikolari fir-rigward ta':

It-titjib tal-effiċjenza tal-akkwist pubbliku biex tingħata spinta lill-irkupru u jiġu indirizzati kriżijiet futuri

1. IQIS li l-investiment pubbliku għandu jiġi aċċellerat biex jgħin l-irkupru tal-ekonomija tal-UE, FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal trasparenza, trattament ugwali, kompetizzjoni ġusta u integrità fl-akkwist pubbliku; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jużaw l-oportunitajiet tal-oqfsa nazzjonali u Ewropej rilevanti biex jiżguraw akkwist rapidu u effiċjenti, u JAPPELLA lill-Istati Membri biex iqajmu sensibilizzazzjoni fost dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar strutturi ta' xerrejja pubbliċi li jiffunzjonaw tajjeb, jinvestu aktar fl-għarfien espert, u fil-professjonalizzazzjoni tax-xerrejja pubbliċi, pereżempju tal-Korpi Ċentrali għall-Akkwisti, u jsaħħu l-kapaċità tax-xerrejja pubbliċi sabiex jindirizzaw il-prijoritajiet strateġiċi, b'mod partikolari l-ħolqien tal-impjiegi, it-tiswija tal-ħsara soċjoekonomika mill-kriżi tal-COVID-19, l-appoġġ għall-SMEs kif ukoll il-prijoritajiet ekoloġiċi u diġitali;
2. JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni bejn ix-xerrejja pubbliċi fi ħdan u fost l-Istati Membri għal investiment pubbliku effiċjenti matul l-irkupru u biex jiġu indirizzati kriżijiet futuri; Għalhekk, JAPPELLA lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom, u fejn adatt u fattibbli, jistabbilixxu strateġiji u mekkaniżmi konġunti filwaqt li jżommu f'moħħhom il-ħtiġijiet u l-interessi speċifiċi tal-SMEs, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri billi tipprovdi appoġġ u gwida fir-rigward ta' akkwisti transkonfinali u konġunti;
3. IQIS li d-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku ser itejjeb b'mod sostanzjali t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tal-UE, tnaqqas il-piż amministrattiv, trawwem it-trasparenza u r-responsabbiltà, u ttejjeb l-ambjent tan-negozju tal-operaturi ekonomiċi; JAPPELLA lill-Istati Membri biex jaċċelleraw it-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist pubbliku, anke permezz ta' kooperazzjoni pubblika-pubblika; JAPPELLA lill-Istati Membri biex jikkooperaw fl-akkwist ta' soluzzjonijiet diġitali biex jiffaċilitaw l-ipproċessar tad-data, filwaqt li jiżguraw l-interoperabbiltà;

4. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi u jevalwaw il-progress fir-rigward tal-kisba ta' objettivi innovattivi u sostenibbli skont l-istrateġiji settorjali u l-leġiżlazzjoni xierqa; JAPPELLA lill-Istati Membri jagħżlu implimentazzjoni ambizzjuża tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' formoli standard (eForms), inkluż, fejn xieraq u fattibbli, bħala oqsma obbligatorji, bħall-akkwist pubbliku ekoloġiku, soċjalment responsabbli u innovattiv;
5. JENFASIZZA l-importanza kbira ta' sistemi ta' rimedji rapidi u effettivi għat-twettiq f'waqt u b'suċċess ta' proġetti pubbliċi, u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jissorveljaw l-effettività tas-sistemi ta' rimedju tagħhom stess. JILQA' l-kooperazzjoni msaħħa fost l-Istati Membri permezz tan-Network tal-Korpi ta' Reviżjoni tal-Ewwel Istanza;
6. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw l-aħjar Prattiki, u jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet u gwida komuni fir-rigward tat-twettiq f'waqt tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku;
7. JAPPELLA lill-Kummissjoni tirrevedi l-effetti ekonomiċi fuq is-suq uniku, li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-limiti stabbiliti, stipulati fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku⁷, fid-dawl tal-ħtieġa li tingħata spinta lill-investment madwar l-Ewropa kollha wara l-COVID-19, filwaqt li jitqies ukoll l-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku, u r-rwol tal-SMEs fl-irkupru tal-Unjoni Ewropea, biex tirrapporta dwar dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif ukoll tikkunsidra li tissuġġerixxi żieda tal-limiti stabbiliti applikabbli matul iċ-ċiklu ta' negozjati li jmiss, fejn possibbli u xieraq, kif iddikjarat b'mod partikolari fl-Artikolu 92 tad-Direttiva 2014/24/UE;
8. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jidentifikaw miżuri addizzjonali biex inaqqsu l-piż burokratiku u l-ispejjeż tal-konformità u jnaqqsu wkoll ir-restrizzjonijiet proċedurali fuq ix-xerrejja pubbliċi bil-għan li jissimplifikaw u jtejbu l-investment pubbliku, filwaqt li jiżguraw l-oġġettiv li ta' kompetizzjoni effettiva bejn l-operaturi ekonomiċi u jtejbu l-funzjonament tas-Suq Uniku, sabiex b'mod partikolari:
 - jeżaminaw l-effiċjenza u l-effettività tal-qafas tal-akkwist pubbliku inkluż id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, f'konformità mal-GPA;

⁷ Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna;

- jesploraw il-possibbiltajiet li jintuża r-"reġim anqas strett" taħt it-Titolu III tad-Direttiva 2014/24, u jikkunsidraw applikazzjoni estiża għal servizzi oħra, skont id-dispożizzjonijiet tal-GPA;
- sa fejn ikun xieraq u fattibbli, jiċċaraw u, jekk meħtieġ, iżidu l-flessibbiltajiet fl-użu tal-ftehimiet qafas fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kwantità ta' xogħlijiet, servizzi, u provvisti kkonċernati kif ukoll fir-rigward tat-terminu tal-ftehim qafas previst, b'kont meħud ukoll tal-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku;
- għall-Kummissjoni, biex tirrevedi l-effetti ekonomiċi fuq is-suq intern tal-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku f'setturi fejn jista' ma jkun hemm l-ebda interess transkonfinali (bħaż-żgħażaġh u l-kura tal-anzjani) u tirrapporta dwar ir-riżultati tar-rieżami u fost l-oħrajn aġġustamenti possibbli tal-qafas legali, jekk meħtieġ;
- teżamina l-possibbiltà u l-adegwatezza tal-approssimazzjoni ta' xi arranġamenti applikabbli għall-awtoritajiet kontraenti (id-Direttiva 2014/24) u l-entitajiet kontraenti (id-Direttiva 2014/25);
- tikkunsidra kif tindirizza t-tħassib dwar l-iżgurar tas-sigurtà (affidabbiltà) tal-provvista.

9. JAPPELLA lill-Kummissjoni tassisti u tiffaċilita l-isforzi ta' investiment fil-proċess tal-akkwist biex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti li jirriżultaw mis-sitwazzjoni pandemika, inkluż il-kapaċitajiet diġitali, u, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tidentifika l-miżuri meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effiċjenti sitwazzjonijiet futuri ta' emerġenza u ta' kriżi fl-akkwist pubbliku, u b'hekk tikkunsidra, b'mod partikolari:

- li tipprovdi kjarifika dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/24, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel; jenħtieġ li din il-kjarifika tinkludi gwida li tispeċifika r-raġunijiet għal urġenza estrema u lista ta' eżempji possibbli ta' setturi sensittivi ħafna;
- l-evalwazzjoni tal-ħtieġa li jiġu introdotti aktar esklużjonijiet għall-applikazzjoni tad-Direttivi għall-akkwist ta' prodotti u servizzi strateġiċi speċifiċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, li jirriżultaw minn pandemiji, attakki terroristiċi, stat ta' difiża, theddid serju u attwali għas-sikurezza pubblika jew diżastri naturali;

L-istabbiliment tal-inċentivi ġusti għal investiment u tkabbir innovattiv u sostenibbli fl-UE permezz tal-akkwist pubbliku

10. JILQA' l-proposti tal-Kummissjoni fil-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli biex jiġu introdotti kriterji jew miri tal-akkwist pubbliku ekoloġiku f'inizjattivi settorjali, finanzjament tal-UE jew leġislazzjoni speċifika għall-prodott, u biex jiġi stabbilit Skrinjar tal-Akkwist Sostenibbli; JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżviluppa għodod ta' gwida u appoġġ biex tarmonizza l-implimentazzjoni tal-proġetti għal proġetti ta' infrastruttura pubblika sostenibbli, u b'hekk iżżid is-sostenibbiltà u l-attrazzjoni ġenerali tal-investimenti;
11. JISSOTTOLINJA l-funzjoni tar-rwol mudell tas-settur pubbliku biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli; il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-oġettivi li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; f'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA, sa fejn ikun xieraq u fattibbli, konsiderazzjonijiet ambjentali ambizzjużi, pereżempju kriterji jew miri, b'kont meħud ukoll tal-implikazzjonijiet prattiċi tagħhom għall-proċeduri ta' akkwist u JENFASIZZA l-ħtieġa għal rappurtar u monitoraġġ kif maħsub fil-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari; JAPPELLA lill-Kummissjoni tikkunsidra s-salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem u l-istandards tad-diliġenza dovuta tad-drittijiet tal-bniedem, biex b'hekk titrawwem il-koerenza tal-politika fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli, b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 2020/852⁸ dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, kif ukoll l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar Governanza Korporattiva Sostenibbli⁹;

⁸ Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088;

⁹ Kummissjoni Ewropea: Konsultazzjoni Ġdida dwar Governanza Korporattiva Sostenibbli, Settembru 2020;

12. JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari biex jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċità bi gwida, taħriġ, u disseminazzjoni ta' prattiki tajba biex jiġi ssottolinjat ir-rwol importanti tal-awtoritajiet pubbliċi fil-kontribut tagħhom lejn il-mira tan-newtralità klimatika sal-2050. Dan l-eżerċizzju jenħtieġ li jkollu l-għan li jippermetti li-x-xerrejja pubbliċi jikkunsidraw prodotti u servizzi li ma jagħmlux ħsara lill-klima u li jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti, u bl-aktar mod komprensiv possibbli, jenħtieġ li jqis iċ-ċiklu tal-ħajja (estern) u l-ispejjeż ekonomiċi fil-proċess tax-xiri tagħhom; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u xxerred metodi operattivi għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispiża attribwita lill-esternalitajiet ambjentali;
13. IQIS li x-xerrejja pubbliċi jenħtieġ li jużaw il-kapaċità tal-akkwist tagħhom b'mod strateġiku biex jiksbu valur aħjar għall-flus, u jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika, aktar innovattiva u ċirkolari, b'mod partikolari billi jinvestu f'infrastruttura sostenibbli, fi prodotti li jistgħu jerġgħu jintużaw, riċiklabbli, jissewwew, u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, u fir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliki biex tittejjeb is-sostenibbiltà tagħhom u jiġu ottimizzati l-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja; JENFASIZZA li x-xiri pubbliki jista' u jenħtieġ li jintuża biex jappoġġa konsiderazzjonijiet soċjali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista globali, l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi ġusti biex jiġu miġġielda l-effetti soċjoekonomiċi tal-kriżi u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovdi gwida inkluż eżempji dwar kif jiġu implimentati tali għanijiet fi proċedura ta' akkwist;
14. JENFASIZZA li t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-kompetizzjoni ġusta ser ikunu kruċjali biex jiġi żgurat l-użu b'suċċess u effiċjenti tar-riżorsi tal-UE u dawk nazzjonali għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-isforzi ta' rkupru;
15. IQIS li huwa essenzjali li wieħed ikun jaf kif għandu jitwettaq akkwist sostenibbli u innovattiv sabiex jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-kapaċità tal-akkwist pubbliki u, għalhekk, JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea biex jimmassimizzaw is-setgħa trasformattiva tal-akkwist pubbliki billi jiżviluppaw hili u kapaċitajiet kruċjali biex jindirizzaw l-isfidi attwali, u lill-Kummissjoni, biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ħolqien ta' network Ewropew ta' ċentri konsultattivi tal-aħjar prattiki għall-iżvilupp ta' akkwist sostenibbli u innovattiv; JISTIEDEN lill-Istati Membri jrawmu l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kampanji ta' informazzjoni għax-xerrejja pubbliċi;

Kontribut permezz tal-akkwist pubbliku għal ekonomija tal-UE aktar reżiljenti

16. IQIS li l-innovazzjoni għandha rwol ewlieni fir-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea, u JENFASIZZA li x-xerrejja pubbliċi jenħtiegħ li jstimulaw id-domanda għall-innovazzjoni; JAPPELLA lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu u jrawmu akkwist innovattiv;
17. JINNOTA li l-kooperazzjoni bejn ix-xerrejja pubbliċi tista' ssawwar is-swieq, tistimula l-innovazzjoni, u żżid l-effiċjenza tal-investment pubbliku; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinkoraġġixxu l-interazzjoni bejn ix-xerrejja pubbliċi u l-ekosistemi industrijali u tal-innovazzjoni sabiex jiġi ffaċilitat it-tlaqqiġ tad-domanda, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' pjattaformi li jippermettu interazzjonijiet bejn ix-xerrejja u l-fornituri għal strateġiji ta' akkwist aħjar;
18. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea, u JENFASIZZA li l-Istati Membri u x-xerrejja pubbliċi tagħhom għandhom rwol vitali x'jaqdu f'dan ir-rigward, speċjalment peress li huma investituri kruċjali f'diversi setturi tal-ekonomija u b'hekk jistgħu potenzjalment ikunu esposti għal kompetizzjoni esterna inġusta;
19. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw fl-iżvilupp ta' linji gwida u kriterji permezz ta' metodoloġija komuni biex jappoġġaw lis-settur pubbliku fl-akkwist permezz ta' ktajjen tal-provvista trasparenti, affidabbli, flessibbli u diversifikati bil-għan li tissaħħaħ l-ekonomija Ewropea, u titnaqqas id-dipendenza strateġika fuq pajjiżi terzi, speċjalment f'ċerti setturi tal-ekonomija Ewropea li huma kruċjali għall-funzjonament tas-servizzi pubbliċi u l-kura tas-saħħa pubblika, pereżempju, il-prodotti mediċinali u l-apparat mediku; l-impatt fuq il-kompetizzjoni, il-prezzijiet u l-proċeduri ta' akkwist għandhom jiġu kkunsidrati bir-reqqa fid-determinazzjoni ta' approċċ proporzjonat u mmirat biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni;

20. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-UE tippromwovi aġenda ta' kummerċ ħieles ambizzjuża u bbilanċjata, filwaqt li tissalvagwardja l-interessi tagħha fid-dawl ta' prattiki inġusti u abbużivi, u tiżgura r-reċiproċità; JILQA' l-ħidma fuq l-Istrument ta' Akkwist Internazzjonali¹⁰ li għandha tiġi aċċellerata biex jiġi promoss aċċess aħjar għall-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi¹¹ u l-iżvilupp ta' strumenti ulterjuri biex jiġu indirizzati l-effetti distorsivi tas-sussidji barranin fis-Suq Uniku; JAPPELLA lill-Kummissjoni tikkunsidra kif tindirizza l-effetti distorsivi li jirriżultaw minn parteċipazzjoni ta' offerenti b'attivitajiet f'ġuriżdizzjonijiet inklużi fil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa li jwasslu għal vantaġġi kompetittivi mhux ġustifikati fil-proċeduri ta' akkwist.
21. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tiċċara u taġġorna, abbażi tal-impenji internazzjonali tal-UE u d-Direttivi tal-UE dwar l-Akkwist Pubbliku, il-marġni ta' manuvrar għall-Istati Membri u x-xerrejja pubbliċi biex jisiltu l-konsegwenzi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-ftehimiet fir-rigward tal-parteeipazzjoni tal-offerenti u l-prodotti minn pajjiżi terzi.
22. JAPPELLA lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki u strateġiji ta' xiri komprensivi, li b'mod partikolari jenħtieġ li jimmiraw lejn setturi fejn id-domanda pubblika jkollha impatt sinifikanti, bħal prodotti mediċinali, apparat mediku jew IT, filwaqt li jitqiesu wkoll konsiderazzjonijiet dwar ir-reżiljenza, il-ġestjoni tar-riskju, u s-sigurtà tal-provvista.
-

¹⁰ ST 5752/16- COM (2016) 34 final u 2012/0060 (COD);

¹¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020: ST 13/20.